Minuti tas-7 laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru, 2013 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'3.00 pm.

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Saviour Borg | Sindku |
| Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Horace Micallef | Kunsillier |
| Mario Mercieca | Kunsillier |
| Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |

Assenti:

| | |
|---|---|
| Victor Cefai | Viċi-Sindku |

1. **Talba**

Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 6, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza mis-Sindku**

- Rapport tal-perit rigward il-ħsara li saret fit-tieni fażi tal-proġett ta' Wied Siekel, fejn dan ir-rapport rrakomanda li l-gandott li sar bl-ilma tax-xita jingħalaq immedjatament.
- Kors tal- *Learn IT* offrut mill-Kumpanija TCTC għal prezz ta' €1,150 – il-Kunsill qabel li dan il-kors jiġi offrut lil dawk ir-residenti li kienu applikaw. Is-Sindku qal li għandha issir sejħa mill-ġdid peress li hemm aktar postijiet disponibbli.
- Se ssir l-elezzjoni għall-Kumitat tal-Assoċazzjoni tal-Kunsilli Lokali nhar 12 t'Ottubru, fl-uffiċċju tal-Kunsill.
- Skema *influenza vaccine* – jinħareġ avviż lir-residenti. Il-Kunsill qabel li jitqabbad in-*nurse* Darren Briffa biex jagħti din it-tilqima lir-residenti bħas-sena l-oħra.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

- Korrispondenza minn TM biex il-*Bus Stop* f'wesgħa Vincenzo Labini f'Victoria titneħħa u issir fit-Triq il-Kappillan G.Hili. Is-Sindku qali li ġie avviċinat minn Ruben Said, *head* ta' Transport Malta għal Għawdex fejn qallu li dan se jsir peress li fejn hi l-*Bus Stop* ma tistax iddur għal Triq Enrico Mizzi. Horace semma li huwa wkoll iltaqa' ma' Ruben Said u xi uffiċjali tal-Arriva fejn sar ftehim li din il-*bus stop* timxi aktar 'l quddiem minn kif kien propost minn TM. Il-Kunsill qabel li din issir fejn ġiet immarkata fit-triq u sar qbil li biex isir dan ma jista jittneħħa l-ebda parkeġġ fi Triq Il-Kappillan Ġużepp Hili.
- *Life Streaming camera* waqt il-laqgħat tal-Kunsill – ġew approvati €2,300 mid-DLG. Il-Kunsill qabel li jqabbad lil Galea & Curmi Engineers biex iħejji d-dokument tal-offerta.
- Il-Kunsill irċieva l-is*creaning letter* rigward l-applikazzjoni tar-restawr tan-niċċa fit-Triq il-Għajn mill-MEPA.
- Intbagħatet korrispondenza mir- Reġjun t'Għawdex fejn talbu il-pjanijiet tal-Kunsill għall-problema tal-immigranti illegali – il-Kunsill qabel li m'hemmx fondi għal dan il-għan fl-allokazzjoni u għalhekk anqas għandu pjanijiet fuq dan is-suġġett.
- Sar ringrazzjament mill-Kappillan għall-kollaborazzjoni fl-attività ta Festa Tfal.
- Ingħataw 2 *lapels* tad-deheb lill-Kunsilliera l-ġodda li ġew eletti f'din il-leġislatura.
- Is-Sindku attenda għal-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi Sindki li saret fil-lukanda Dolmen fil-Qawra Malta, is-Sibt 28 ta' Settembru. Is-Sindku qal li peress l-Viċi Sindku ma attendiex minkejja li kien sar il-ħlas ta' €112 biex jattendi għal Gimgħa u is-Sibt, talab lil Aġent Segretarju Eżekuttiv biex tara jekk hux possibli li jinġabru dawn il-flus mill-AKL .
- Saret mera ġdida fil-kantuniera bejn it-toroq Kardinal Alessandro Franchi u J.Gaspard Le Merchant. Dan sar wara li dik li kien hemm tkissret bil-maltemp.
- Ġie organizzat Sports Fest għat-tfal tal-Fontana nhar it-18, 19 u 20 ta' Settembru flimkien mal-Paroċċa. Dan sar fuq iz-zuntier tal-Knisja. Fi tmiem din l-attività, ġew ipprezentati t-trofew lil-parteċipanti kollha u medalji lir-rebbieħa. Dan sar mis-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef. Ħadu sehem madwar 50 tifel u tifla.
- Saret ħarġa soċjo kulturali ta' nofs ta' nhar f'Kemmuna. Attendew 35 persuna, fosthom is-Sindku.
- Is-Sindku attenda għal laqgħa oħra tal-kumitat reġjonali għal Għawdex li saret fil-"Banca Giuratale". Ġie diskuss fost l-oħrajn l-proposta tal-Gvern li s-sistema tad-dawl tat-toroq kollha f'Għawdex tiġi devoluta lir-reġjun t'Għawdex u jsiru kollha LED. Attendew uffiċċjali mill-Enemalta, l-AKL u mill-Ministeru tal-



S. Borg

Enerġija u Konservazzjoni tal-Ilma. Biex isir dan il-proġett iridu jinġiebu fondi mill-Unjoni Ewropea.

- Mario Mercieca preżenta xi kwotazzjonijiet tal-*pots* tas-siment dekorattiv. Il-Kunsill qabel li jinġabu xi *samples.*
- Is-Sindku ppropona u il-Kunsill qabel li jiġu ordnati tabelli bl-ismijiet taċ-ċeramika tal-Għajn il-Kbira, l-Għajn ta' Bendu u x-xelter fi Pjazza l-Għejjun. Hu ppropona wkoll u l-Kunsill qabel li jsiru żewġ plakki kommemorattivi tax-xogħol li għamel il-Kunsill preċedenti bir-restawr tal-Għajn ta' Bendu u l-bini tar-replika tal-Għajn tal-Loġoġ fi Pjazza l-Għejjun.
- Tkisser ir-*railing* fil-bidu ta' Trejqet ix-Xagħri u parti minn ħajt tas-sejjieħ ħdejn l-Għajn il-Kbira waqt il-bini tat-triq tax-Xlendi. Il-Kunsill qabbad lis-SE biex tibgħat *email* lid-Direttur Portelli, biex isiru dawn ix-xogħlijiet.
- Is-Sindku ssuġerixxa li jsir is-suffitt fid-daħla għat-"toilets" tas-Sala tal-Komunità. Il-preżenti qablu.
- Is-Sindku issuġerixxa li jitneħħa l-ġebel żejjed li hu propjeta tal-Kunsill minn mal-ħajt tal-Knisja n-naħa ta' Lourdes għaliex hu ta' periklu – il-Kunsill qabel li jneħħi dan il-ġebel u jintefa' f'art devoluta lil kunsill ħdejn is-Sala tal-Komunita.Se jitqabbad is-Sur Joseph Muscat biex jagħmel dan ix-xogħol.
- Appell fuq l-offerta tal-ġebla tal-qawwi – is-sindku għamel komunikat mas-Sur Chris Galea mid-DLG u ssuġerixxa li l-Kunsill jibgħat *email* lis- Segretarju Parlamentari Josè Herrera biex jitħaffef il-proċess tas-sentenza, dan peress li issa lanqas hemm bord kostitwit. Fl-*email* jiġi spjegat li b'dan id-dewmien qed isir ħsara lill-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.
- *Patching* fit-Triq G. Hili u Trejqet Dun Ġużepp Grima. Is-Sindku qal li trid tiġġedded l-garanzija bankarja peress li ilha skaduta mis-6 ta' Diċembru 2012. Il-Kunsill qabel. Dan ix-xogħol ta' *patching* għandu jsir nhar il-Ġimgħa 4 t' Ottubru 2013. Tul din il-laqgħa attenda is-Sur Benny Gatt rappreżentant ta' Gatt Tarmac Ltd fejn sar qbil fuq dan. Is-Sindku hemm bżonn li jsir *patching* fit-Triq il-Għajn, fejn ir-residenza 201. Il-Kunsill qabel ma dan.
- Is-Sindku ippropona u l-kunsill qabel li issir ħarġa għal *festival* taċ-ċikkulata fil-Ħamrun nhar id-19 t'Ottubru. Il-Kunsill qabel li l-ħlas ikun €3 lil residenti u minn mhux residenti il-ħlas ikun € 5.
- Waqt il-laqgħa ġie diskuss l-iżvilupp fuq l-estenzjoni tal-aħħar 35 metri tat-Triq John Gaspard le Marchant. Dak il-ħin is-Sindku ċempel lil Perit John Saliba dwar dan ix-xogħol. Il-Perit qal li s'issa għadu m'għamel xejn u jinsab xi ftit imħabbat. – il-Kunsill qabel li jitqabbad Perit ieħor flok il-perit John Saliba peress li dan tal-aħħar għadu ma beda xejn f'dan il-proġett.



S. Boy

- *Wires* tat-telephones fit-Triq is-Sajjieda li huma mdendlin f'nofs it-triq – jiġu rraportati lill-Go Plc biex jitneħħew.
- Hemm bżonn li tinxtara xemgħa għan-niċċa tas-Salvatur, kif ukoll żebgħa għal bankijiet li ser jitpoġġew fi Pjazza l-Għejjun u jsir it-tiġdid tal-pjanti fit-telgħa 'l isfel mill-knisja.
- Korrispondenza mill-Meusac li l-applikazzjoni għall-proġett Leader fuq il-proġett tax-xogħol fis-Sqaq tal-Mitħna fi Triq Għar Gerduf ma jikkwalifikax.
- Ġie mixtri *bin* mingħand Mario Mallia fejn il-Kunsill qabel li jitwaħħal quddiem il-knisja u jinxtara ieħor għal-tarf Triq il-Kappillan Hili.
- Sar vandaliżmu mit-tabella li kien hemm fi Pjazza l-Għejjun, b'tagħrif dwar dawn l-inħawi. Is-Sindku se jieħu ħsieb li titranġa
- Ġiet preżentata *draft* ta' l-ittra li kiteb l-Avukat J.Paul Grech bħala tweġiba għal dik mibgħuta minn Maurice Zammit. Il-Kunsill qabel magħha.

## 4. Jum il-Fontana

Il-Kunsill qabel li l-attività għal Jum il-Fontana issir nhar is-Sibt 30 ta' Novembru, peress li f'1 ta' Diċembru 2013 ser jaħbat il-Ħadd u fil-paroċċa tiġi ċelebrata il-festa ta' Sant Andrija, il-Patrun tal-Fontana. Il-programm tal-attivitajiet ser jiġi iffinalizzat fil-laqgħa li jmiss.

## 5. Ingaġġar ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill ma qabilx mal-offerta tad-DLG, dik li talbu jekk il-Kunsill jaċċettax lis-Sur Arthur Bajada bħala Segretarju Eżekuttiv. Dan għaliex il-Kunsill qabel li jistenna sa Novembru fejn skont il-Memo mid-DLG ikun hemm il-lista l-ġdida, u b'hekk ikun hemm għażla akbar.

## 6. Mistoqsijiet

Is-Sindku staqsa x'inhi ir-raġuni li għadu ma ġiex iffirmat il-kuntratt dwar l-offerta ta' l-apparat tal-*gym* fil-Playing Field li ngħatat mill-kunsill f'Ġunju li għadda. L-Aġent SE wieġbet li hija bagħtet l-*acceptance letter* u taf li l-apparat ġie ordnat. Hija se tiċċekja meta se jiġi nstallat fuq il-post.



S.Bo[illegible]

## 7. Ilmenti/Suġġerimenti:

- TM – talba għal *unloading/loading* fit-Triq il-Għajn quddiem il-ħanut ta' Joseph Tabone – il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, u ser tintbgħat it-talba lil Transport Malta.
- Talba għal bankina ġdida fit-Trejqet Grezzja Grima – is-Sindku issuġerixxa li ssir talba lis-Sur Lorry Apap peress li huwa l-*projects manager* fil-MGOZ, u għallura jiġi superjuri mid-dipartiment tac-CMU. Horace qal li talbiet bħal dawn għandhom isiru lic-CMU. Il-kunsill qabel issir talba lid-Dipartiment tac-CMU, peress li din taqa' taħt ir-responsabilità tal-Gvern Ċentrali.

## 8. Materji oħra:

Horace:

- Isir *railing* mal-bankina fit-Triq il-Għajn (quddiem il-Knisja). Ir-*railing* l-antik huwa miġbur fl-*istore*. Jekk ma jaqbilx issir talba lid-Dipartment tal-Project & Development, fil-MGOZ.
- Issir grada tal-ilma f'Għajn il-Kbira – issir talba lic-CMU.
- Titranga rampa fit-Triq il-Kappillan G. Hili – jitqabbad Joseph Mercieca biex jagħmel dan ix-xogħol.

Mario Mercieca:

- Titwitta u titranġa ftit Triq Mons. Mikiel Buttiġieġ - issir talba lic-CMU.

Saviour Borg:

- Dwar il-ħlas tal-kont tat-tiswija li għamel Joseph Mizzi fit-tieni fażi tal-proġett ta' Wied Siekel. Il- Kunsill qabel li jibgħat il-kont biex jiġi ivverifikat mill-Perit John Saliba.

## 9. Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fl-5.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 31 ta' Ottubru, 2013 fit-4.30pm.

| | |
|---|---|
| Amanda Abela | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555